MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2010

Numru 964/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Keith Arnaud)**
**(Spettur Bernard Spiteri)**
**vs**
**Clayton Fenech**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Clayton Fenech** ta' 20 sena, bin il-Joseph u Maria Dolores *nee'* Cassar, imwieled Pieta' fl-4 t'Ottubru, 1989, residenti Block P, Bieb B, Flat 3, Bibi tal-Gvern Hamrun u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 461189(M);

1. talli nhar is-17 ta' Settembru 2010, ghall-habta ta' 17:30 ta' wara nofsinhar, flimkien ma' persuna ohra, minn fuq bejt ta' residenza numru 3, Triq Dun Gejtanu Mannarino, Birkirkara, bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan

il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, billi ittanta li jikkommetti serq minn gewwa l-istess residenza, liema delitt li kieku sehh kien ikun aggravat bil-mezz, bil-valur li jaccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), u bil-lok u dan ghad-detriment ta' Elena Grima minn Birkirkara u/jew persuni ohra, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u independenti mill-volonta' tieghu.

2. talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsarat jammontaw ghal anqas minn elf mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1164.69), imma huma izjed minn mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) u dan ghad-detriment ta' Elena Grima minn Birkirkara u/jew persuni ohra;

3. talli kiser il-provediment tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta billi kkommetta reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija waqt il-perjodu ta' sentenza sospiza ghal sentejn moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D. fil-15 t'April 2010;

4. talli huwa sar recediv ai termini tal-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definitivi u ma jistghux jigu mibdula;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat minnu ikkonfermata fil-presenza tal-avukat difensur tieghu wara li l-Qorti kkoncedietlu zmien sufficjenti biex jahseb dwar l-ammisjoni tieghu;

Stante ammissjoni, l-akkuzi jirriuzltaw pruvati u ghalhekk qed jinstab hati taghhom;

Rat l-artikoli 41, 261(b)(c) u (e), 263, 267, 269, 278, 279, 281, 28B u 28F, 49 u 50 u 289, 325 (b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-fedina penali tal-imputat;

Wara li hadet in konsidrazzjoni l-ammissjoni tal-imputat fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri;

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tirrendi effettiva s-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fejn fil-15 t'April, 2010 l-imputat kien ikkundannat ghal-terminu ta' prigunerija ta' disa (9) xhur sospizi ghal sentejn (2) u b'hekk dan it-terminu ghandu jibda jiddekorri mil-lum. Inoltre tikkundanna lill-imputat ghal terminu ta' prigunerija ta' tmintax (18)-il xahar dekoribbli wara 'l fuq imsemmija disa xhur.

Il-Qorti tordna li dawn l-atti jintbaghtu ghand l-avukat generali fi zmien li trid il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------